MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 103/2004

**Maltacom PLC**

**vs**

**Joseph u Theresa konjugi Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM 3024.55,0), rapprezentanti kera u servizzi moghtija lilhom mis-socjeta' attrici gewwa l-fond "Rockfeller", Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar, fir-rigward tan-numru tat-telefon 575804 ghal perjodu minn 13 ta' Ottubru 1997 sat-3 ta' Novembru tas-sena 2000.**

**Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-8 ta' Frar tas-sena 2005 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------